# Lectio Divina
## It-2 Ħadd tar-Randan
## Sena Ċ

### Lq 9:28-36

Ninsabu fil-kap. 9 ta' *Lq*. Huwa l-kapitlu li jintroduċi l-misteru tat-tbatija ta' Ġesù. Wara l-istqarrija ta' Pietru, Ġesù jħoss li għandu jikkoreġi l-idea ta' min hu l-Messija billi jħabbar il-mewt u l-qawmien tiegħu, u jiċċara l-kundizzjonijiet pjuttost iebsa tad-dixxipulat: *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja"* (v.23) Dritt wara għandna x-xena tat-trasfigurazzjoni fejn it-tbatija ta' Ġesù għandha konferma minn żewġ persunaġġi ġejjin mis-sema, u mill-Missier li jikkonferma lill-Iben fit-triq li se tieħdu għas-salib. Eżatt wara Ġesù jiltaqa' max-xitan f'tifel, jerġa jħabbar it-tbatija tiegħu u jippreżenta kundizzjonijiet oħra għad-dixxipulat. Kollox lest biex *Lq* jinnota li "*qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja*" (v.51).

It-trasfigurazzjoni hija l-qofol tar-rakkont f'kap. 9. Iktar milli hija ġrajja li d-dixxipli għandhom jiftakruha waqt it-tbatija ta' Ġesù biex ma jaqtgħux qalbhom u jaħarbu (kif propju kienu se jagħmlu), din hija konferma solenni li t-tbatija, il-mewt, u l-qawmien huma tassew it-triq tal-Messija. Il-glorja tiegħu fuq il-muntanja mhijiex xena apparti mit-triq li twassal lejn Ġerusalemm, iżda sinjal qawwi li kellhom bżonn id-dixxipli biex jaċċettaw l-idea differenti ta' Messija, radikalment differenti minn dak li kellhom f'moħħhom huma. Naturalment Lq ma jaħbi xejn mill-fatt li d-dixxipli ma fehmu xejn minn dan (cfr. v.45). Huma l-qarrejja ta' wara l-Għid li għandhom il-possibilità li jemmnu u jifhmu dan.

**v. 28: Daqs tmint ijiem wara dan id-diskors, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni, 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob.**

L-introduzzjoni hija solenni fi stil tipikament ebrajk. Lq juri l-intenzjoni tiegħu li jirrakkonta ġrajja kbira. L-annotazzjoni "wara dan id-diskors" mhijiex biss indikazzjoni kronoloġika imma indikazzjoni li hemm ukoll kontinwità fil-kontenut max-xena ta' qabilha. Dak li se jiġri fuq il-muntanja jista' jitqies bħala tħabbira oħra – din id-darba

solenni – tat-tbatija u l-mewt ta' Ġesù. Il-muntanja hija l-post tar-rivelazzjoni divina, u f'Lq il-post tipiku fejn Ġesù jitlob jew jagħti xi missjoni lid-dixxipli tiegħu. (cfr. 6,12; 19,29; 21,37; *Atti* 1,12). Imma madanakollu l-preżenza ta' Alla mhijiex awtomatika minħabba l-post: ix-Xitan jittanta lil Ġesù *"fl-għoli"* (4,5) u t-tliet dixxipli huma ttentati li jorqdu. Huwa minħabba l-għaqda intima ta' Ġesù mal-Missier fit-talb li se tidher il-preżenza ta' Alla.

**v. 29: U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex.**

*Lq* irid jafferma l-identità ta' Ġesù. Il-"bjuda li tgħammex" hija propja tal-persuni li mhumiex ta' din id-dinja (*Mk* 16,5; *Mt* 28; *Ġw* 20,12; *Apok* 3,4; 4,4; 6,11). Għandna wkoll il-paragun ma' Mosè. Bħalu Ġesù jtella miegħu tlieta mid-dixxipli tiegħu (cfr. *Eż* 24,1) u bħalu *"il-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi billi kien qorob lejh Alla"* (*Eż*, 34,29). Imma filwaqt li Mosè kellu jgħatti wiċċu bil-velu għax ulied Iżrael beżgħu jersqu lejh (cfr. *Eż* 34,33), id-dixxiplu wara l-Għid huwa msejjaħ biex ifittex id-dija tal-Iben u jersaq lejha: "*Intom ma rsaqtux lejn in-nar materjali u jħeġġeġ tas-Sinaj*; [...] *Kienet hekk tal-biża' dik id-dehra, li Mosè qal: 'Qiegħed nitriegħed bil-biża'.* [...] *Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj,* [...] *lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid.*" (Lhud 12, 18-24). Fl-istess ħin il-Kristjani huma dawk li jirriflettu din id-dija billi jkunu "*nies bla għajb u safja, ulied Alla bla tebgħa f'nofs bnedmin ta' ħajja mgħawwġa u mħassra; fosthom intom għandkom tiddu fid-dinja bħal kwiekeb."* (*Fil* 2,15).

**v. 30-31: U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm.**

L-importanza ċentrali ta' dawn iż-żewġ persunaġġi – mhux biss f'din ix-xena imma wkoll fil-ġrajja tas-salvazzjoni ippreżentata minn *Lq* – hija li "Mosè u l-Profeti" jħabbru t-tbatija tal-Messija: *"Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.'"* (24, 44; cfr. *Atti* 26, 23). Filwaqt li l-ewwel tħabbira (v.22) kienet tinkludi il-qawmien, issa dawn iż-żewġ persunaġġi jitkellmu ma' Ġesù biss dwar id-destin tal-mewt tiegħu. Ġerusalemm hija l-belt li *"toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera ta' Alla"* (*Lq* 13, 34), u allura hemm kontinwità bejn it-tbatija ta' dawk ta' qablu, tal-Messija, kif ukoll ix-xhieda tiegħu li se jibqgħu jiġu ppersegwitati. F'dan id-dawl l-iskandlu tas-salib (cfr. 1 *Kor* 1, 18.23) huwa ikkonfermat minn Mosè u Elja bħala xi ħaġa li taqbel mal-Iskrittura. Sar skandlu għal-Lhud għax insew

dak li hemm miktub. Hekk ukoll id-dixxiplu ta' Kristu, meta tonqsu l-fidi li tiġi mis-smigħ jibda jħares lejn it-tbatija sempliċiment bħala skandlu jew xkiel u mhux bħala s-sehem tiegħu fis-salvazzjoni li ġab Kristu b'demmu stess.

**v.32-33: Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu. Xħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija". Ma kienx jaf x'inhu jgħid.**

In-ngħas tad-dixxipli fuq il-muntanja jantiċipa minn dak li se jiġri fuq l-Għolja taż-Żebbuġ (cfr. *Lq* 22,45) kif ukoll id-diffikultà tad-dixxipli biex jemmnu wara l-Għid (cfr. 24,32). Huwa biss il-Mulej imqajjem mill-mewt li lid-dixxipli tiegħu jiftħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura (cfr. 24,45). Għalkemm it-tlieta baqgħu imqajjmin u mistgħaġbin b'dak li qed jaraw, għadu ma wasalx il-waqt li jifhmu. Il-konfużjoni tad-dixxipli hija miġbura fil-proposta ta' Pietru: xħin Mosè u Elija kienu se jħallu lil Ġesù, hu joffri soluzzjoni biex dik ix-xena ma tiqafx ħesrem imma tkompli sejra. Filwaqt li dawn il-persunaġġi li ġew mis-sema jitkellmu ma' Ġesù fuq it-tmiem tiegħu, ix-xewqa ta' Pietru hija li jieqaf mal-waqt tal-glorja, li fih qed iħossu sew. Filwaqt li Mosè u Elija jikkonfermaw it-triq lejn Ġerusalemm, Pietru jrid jieqaf fuq il-muntanja. Kundizzjoni ewlenija hija l-mixi wara Ġesù.

**v. 34: Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba.**

Għalkemm Pietru ma jafx x'qiegħed jgħid xorta waħda l-Missier jisma' t-talba tiegħu. Għal-Lhud it-tinda (il-proposta ta' Pietru) kienet sempliċiment xbiha tal-preżenza ta' Alla. Iissa l-Missier ikun tassew preżenti fis-sħaba (cfr. *Eż* 16,10; 19,9). Is-sħaba mhux biss tidher quddiem id-dixxipli imma tgħattihom u tkenninhom ġo fiha. Fl-Eżodu "*Mosè ma setax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba, u l-glorja tal-Mulej kienet timla t-tabernaklu"* (40,35). Issa l-preżenza ta' Alla m'għadhiex xi ħaġa pprojbita, imma d-dixxipli setgħu 'jidħlu fiha'. L-għotja tal-Missier hija ferm ikbar mit-talba fqira li jagħmel Pietru. Ix-xbihat tal-Antik Testment m'għadhomx iktar validi quddiem ir-realtà ġdida li tinsab f'Ġesù.

**v. 35: U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu!"**

Il-leħen tal-Missier jagħmel dikjarazzjoni u direttiva lid-dixxipli ta' Ġesù. L-iktar ħaġa importanti mhijiex li titwal ix-xena ta' glorja li ġejja fi tmiemha. L-importanti hu li l-Iben jiġi mismugħ. Id-direttiva "lilu isimgħu" tixbaħ lill-ordni li jagħti Mosè lil-Lhud: *"Il-Mulej, Alla tiegħek, iqajjimlek profeta bħali minn ġensek, minn fost ħutek; lilu għandkom tisimgħu"* (*Dt* 18,15). Issa dan il-profeta huwa Ġesù (cfr. *Atti* 3,22s), u d-dixxipli għandhom jisimgħu iktar lilu milli l-liġi, il-profeti, jew ilħna oħra. Id-dixxipulat wara Ġesù Kristu ma jikkonsistix f'xi attività umana – bħalma riedu jagħmlu d-dixxipli li riedu jtellgħu t-tined – imma biss fis-smigħ attent tal-Mulej Ġesù trasfigurat.

**v. 36: Malli nstama' l-leħen Ġesù sab ruħu waħdu. Huma żammew is-skiet, u għal dawk il-jiem ma qalu xejn lil ħadd minn dak li kienu raw.**

Ix-xena tat-trasfigurazzjoni tintemm hekk kif tinstema' r-rivelazzjoni tal-Missier dwar l-Iben. Dan kien l-għan tagħha. Anki jekk ma tkunx qed tara l-glorja ta' Ġesù, għall-Knisja hija biżżejjed il-preżenza tiegħu u l-kelma tiegħu.